# Il-Ħadd 08.07.2018

1. Mit-Tnejn (9/07) sal-Ġimgħa (13/07), l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

2. Is-Sibt 14/07:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fiċ-Ċentru Pastorali San Luqa, in-Nigret, Rabat.

3. Il-Ħadd 15/07:
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

4. Avviżi oħra:
   - Qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda. It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq - jinkitbu fis-sagristija.
   - Is-Superjur Anthony Dimech li tul dawn l-aħħar 9 snin serva bħala Superjur fil-qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Safi u ta' Ħal Kirkop, ġie msejjaħ biex isir Superjur tal-MUSEUM tal-Imqabba u l-Qrendi. Waqt li nirringrazzjawh, nitolbu ħafna għalih. Nilqgħu fostna lis-Superjur Jonathan Brincat, li issa matul dawn il-jiem tas-Sajf, ser jibda jiġi fostna biex ikun is-Superjur il-ġdid tal-Qasam Safi-Kirkop. Waqt li nitolbu għalih, inwiegħduh il-kooperazzjoni tagħna.
   - Infakkar fl-applikazzjonijiet għall-Korsijiet, u 10 Boroż ta' Studju ta' € 2,000-il waħda għal min japplika għall Masters, li qed jiġu offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dan biex diversi minnkom jitħarju jidħlu aktar fil-fond tal-għarfien ta' aspetti tal-fidi nisranija. Dettalji jinkisbu mill-websites u l-facebook pages rispettivi: (https://www.um.edu.mt/theology/prospective u www.maltapfi.org).

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 275 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti prinċipali ta' restawr;
   - € 20 bħala donazzjonijiet bl-istess għan;
   - € 405 mill-envelopes b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 280 mill-ħarġa ta' Għawdex. Grazzi.

6. Nitolbu għal Francesca Camilleri, li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...